MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 563/2007

Bank of Valletta p.l.c.
vs
Cheryl Gatt u Dr. Richard Sladden u l-P.L. Victor Bugeja li b'digriet tal-15 ta' Gunju 2007 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Christopher Gatt

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-P.L. Joseph Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` rikorrenti li bih espona:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Rachelle Farrugia Buhagiar datat 4 ta' Settembru 2002 (Dok A), l-iskritturi privati datati 28 ta' Frar 2005 u 28 ta' April 2005, (Dok B u C) kif ukoll, ***Credit Card Agreement*** (Dok D), is-socjeta` rikorrenti kkoncediet facilitajiet bankarji lil Christopher Gatt u Cheryl Gatt.

2. Illi s-socjeta` rikorrenti tinsab kreditrici ta' Christopher Gatt u Cheryl Gatt fis-somma ta' sitta u sebghin elf, disghin Liri Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm76,090.47) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Savings Accounts" ta' Christopher Gatt u Cheryl Gatt mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "E1 sa E4" u Dok "F" u Dok "G") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-31 ta' Jannar 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament.

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u l-iskritturi privati fuq imsemmija bhala Dokument "A", "B", "C" u "D" partikolarment imma mhux esklussivament, billi Christopher Gatt u Cheryl Gatt

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Christopher Gatt u Cheryl Gatt li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

4. Illi r-rikorrent nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-intimati gew interpellati permezz ta' tliet ittri ufficjali datati 24 ta' Novembru 2006 li kopja taghha giet esebita mar-rikors u mmarkata Dok "H", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skritturi privati fuq imsemmija (u esebit bhala Dokument "A", "B", "C" u "D") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Christopher Gatt u Cheryl Gatt (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess

Christopher Gatt u Cheryl Gatt li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ rikorrenti.

2. Tikkundanna lil Christopher Gatt u Cheryl Gatt, ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ sitta u sebghin elf, disghin Liri Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm76,090.47) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u Savings Accounts” ta’ Christopher Gatt u Cheryl Gatt mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “E1 sa E4” u Dok “F” u Dok “G”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-31 ta’ Jannar 2007 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittri ufficjali datata fis-24 ta’ Novembru 2006 kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Dr. Richard Sladden u l-P.L. Victor J. Bugeja li biha esponew :

Illi l-partijiet, m’humiex edotti mill-fatti u ghalhekk rriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta taghhom motivata fistadju ulterjuri.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista ta’ xhieda prezentata mill-kuraturi deputati Dr. Richard Sladden u l-P.L. Victor J. Bugeja.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat illi l-intimata Cheryl Gatt debitament notifikata skond il-ligi ma pprezentatx risposta u baqghet kontumaci, u anqas dehret ghas-seduta tal-lum u ma deher hadd ghaliha.

Xehed Joseph Borg Cardona ***Manager Legal Office*** mal-Bank of Valletta u qal li mill-kontijiet li ghadhom kollha ma sar l-ebda depozitu mid-data tal-prezentata tal-kawza.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Jirrizulta li Cheryl Gatt hija kontumaci. Illi peress li t-talbiet rikorrenti jidhru gustifikati l-Qorti qed tilqaghhom filwaqt li tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skritturi privati fuq imsemmija (u esebit bhala Dokument “A”, “B”, “C” u “D”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Christopher Gatt u Cheryl Gatt (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, (b) kienet inadempjenti f’obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Christopher Gatt u Cheryl Gatt li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

Tikkundanna lil Christopher Gatt u Cheryl Gatt, ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ sitta u sebghin elf, disghin Liri Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm76,090.47) bilanc ghad-debitu fil-***Loan u Savings Accounts*** ta’ Christopher Gatt u Cheryl Gatt mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “E1 sa E4” u Dok “F” u Dok “G”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-31 ta’ Jannar 2007 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Spejjez kontra l-intimati hlief dawk tal-kuraturi li provizorjament huma a karigu tal-bank rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------